MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Numru 771/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**vs**
**Giovanna Farrugia Montebello u John Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Giovanna Farruiga Montabella** ta' 36 sena, bint Angelo u Carmen *nee'* Zahra, mwielda Pieta' nhar it-18 ta' Novembru, 1967, residenti 'Cherish', Triq il-Hajja Ewlenija, Birzebbuga u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 464967(M);

**John Farrugia** ta' 40 sena, bin Francis u Mary *nee'* Galea, mwieled Pieta' nhar il-21 ta' Frar, 1968, residenti 'Cherish', Triq il-Hajja Ewlenija, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 122768(M):

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi jien fis-snin 1998 u 1999, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamiltu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdejtu b'qerq iehor, ingannajtu jew billi urejtu haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamiltu qligh li jeccedi l-elf lira Maltin [Lm1,000] ghad-detriment ta' diversi sidien ta' vetturi mixtrija minghand Montebello Enterprises Ltd;

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamiltu uzu minn dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi ghamiltu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamiltu uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat;

Talli fl-istess cirkostanzi ghamiltu falsikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura ufficjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqtu pattijiet, dispozizizzjonijiet jw jew obbligi, jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhaltu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi li wara li kienu gew iffirmati, jew inkella billi zidtu jew biddiltu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi xjentement ghamiltu uzu minn att kitba jew skrittura falza;

Talli fl-istess cirkostanzi billi ghamiltu uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilkom in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta' qliegh ktibtu fuqha xi haga li kienet ta' hsara lil persuna ohra;

Talli fl-istess cirkostanzi sabiex tiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalikom jew ghal haddiehor, f'xi dokument

mahsub ghal xi awtorita pubblika xjentemnet ghamiltu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taghrif falz;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija fir-rigward ta' Giovanna Farrugia Montabello biss barra li tinfliggi l-pieni stabilliti mil-ligi tapplika l-provdiment tal-artikolu 121D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija finalment gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju tal-avukat generali li permess taghha baghat lill-imputati quddiem din il-Qorti biex jwiegbu ghall-akkuzi kif ravvizati fl-artikoli 18, 121D, 183, 184, 186, 188, 189, 297, 308, 309, 310 u 533 tal-Kap 9;

Rat ukoll n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja skond l-artikolu 370(3) tal-Kap 9.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310, 186, 189, 183, 184, 297, 188, 121D tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputati;

Stante li fil-fedina penali taghhom dawn ghandhom registrat fuq isimhom kontravvenzjoni wahda dawn ghandhom jitqiesu bhala "first offenders", u ghalehkk qed tilliberhom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 146 kif

ukoll tikkundannahom ghal hlas ta’ multa ta’ Lm500 kull wiehed.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------